

3) Id-dritt ta' kull ġaddiem għal-leave annwali mħallas taħt l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 [...] u l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jipprekludi t-tnejha tar-remunerazzjoni waqt leave meħud matul inkapaċċità għax-xogħol?

(<sup>1</sup>) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitulu 5, Vol. 4, p. 381.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunalul Mureş (ir-Rumanija) fis-27 ta' Mejju 2020 –  
Sindicatul Lucrătorilor din Transporturi, TD vs SC Samidani Trans SRL**

**(Kawża C-218/20)**

**(2020/C 297/31)**

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumanija*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunalul Mureş

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Sindicatul Lucrătorilor din Transporturi, TD

Konvenuta: SC Samidani Trans SRL

**Domandi preliminari**

- 1) Interpretazzjoni tal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbi għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (<sup>1</sup>)[:] l-ġaħla tal-liġi applikabbi għall-kuntratt ta' xogħol individwali teskludi l-applikazzjoni tal-liġi tal-pajjiż li fih l-impiegat normalment ikun eżerċita l-attività tiegħu jew l-eżistenza tal-ġaħla tal-liġi applikabbi teskludi l-applikazzjoni tat-tieni sentenza tal-Artikolu 8(l) ta' dan ir-regolament?
- 2) Interpretazzjoni tal-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 593/2008: is-salarju minimu applikabbi fil-pajjiż li fih l-impiegat normalment ikun eżerċita l-attività tiegħu huwa dritt li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' "dispożizzjonijiet li ma jistgħux jiġu dderrogati bi ftehim taħt il-liġi li, fin-nuqqas ta' għażiela, kienet tkun applikabbi skond il-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu", fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 8(1) ta' dan ir-regolament?
- 3) Interpretazzjoni tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 593/2008: l-indikazzjoni fil-kuntratt ta' xogħol individwali tad-dispożizzjonijiet tal-Codul muncii (il-Kodiċi tax-Xogħol, ir-Rumanija) huwa ekwivalenti għall-ġaħla tal-liġi Rumena, f'sitwazzjoni fejn huwa magħruf li fir-Rumanija l-persuna li timpjega tiddetermina l-kontenut tal-kuntratt ta' xogħol individwali?

(<sup>1</sup>) Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbi għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU 2008, L 177, p. 6, rettiffika fil-ĠU 2009, L 309, p. 87).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Constanța (ir-Rumanija) fid-29 ta' Mejju 2020 – Euro Delta Danube Srl vs Agenția de Plăți și Intervenție pentru Agricultură – Centrul Județean Tulcea**

**(Kawża C-225/20)**

**(2020/C 297/32)**

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Constanța

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Euro Delta Danube Srl

Konvenuta: Agentia de Plăți și Intervenție pentru Agricultură – Centrul Județean Tulcea

**Domanda preliminari**

- 1) Id-dispożizzjonijiet tal-punt 23 tal-Artikolu 2[(1)] u dawk tal-Artikolu 19 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 6[4]0/2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-ri-gward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll u l-kundizzjonijiet għar-rifut jew l-irtirar ta' pagamenti u penali amministrattivi applikabbi għall-pagamenti diretti, l-appoġġ għall-iż-żvilupp rurali u l-kundizzjonalità<sup>(1)</sup>, jipprekludu regoli nazzjonali li fċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, jaapplikaw fuq bidwi sanzjonijiet amministrattivi għal dikjarazzjoni eċċessiva minħabba li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għas-superficċi agrikola li hija kkunsidrata bħala li ġiet iddikjarata b'mod eċċessiv, peress li jkabar superficċi agrikola bi strutturi għall-akwakultura miżmuma taħt kuntratt ta' konċessjoni, mingħajr ma pproduċa l-prova tal-kunsens tal-konċessjonarju li l-art tista' tintuża għall-agrikoltura?

<sup>(1)</sup> ĠU 2014, L 181, p. 48.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fl-4 ta' Ġunju 2020 – WD vs job-medium GmbH fi stralċ**

**(Kawża C-233/20)**

(2020/C 297/33)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Oberster Gerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: WD

Konvenuta: job-medium GmbH fi stralċ

**Domandi preliminari**

- 1) Hija kompatibbi mal-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE<sup>(1)</sup> dispożizzjoni nazzjonali li permezz tagħha l-ebda kumpens finanzjarju għal-leave annwali mħallas mhux meħud ma huwa dovut għal (l-aħħar) sena ta' xogħol kurrenti, meta l-impjegat itemm ir-relazzjoni ta' xogħol qabel iż-żmien u b'mod unilaterali mingħajr raġuni ġusta ("jirriżenja")?
- 2) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għal din id-domanda:

- 2.1) Huwa barra minn hekk neċċessarju li jiġi vverifikat jekk kienx impossibbli għall-impjegat li jieħu l-leave?
- 2.2) Liema kriterji għandhom jintużaw għal din il-verifika?

<sup>(1)</sup> Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerra ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolo 5, Vol. 4, p. 381).